



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

2010/0366(COD)

8.3.2011

*****I**

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 485/2008 dwar l-iskrutinju mill-Istati Membri fuq transazzjonijiet li jiffurmaw parti mis-sistema ta' finanzjament tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (COM(2010)0761 – C7-0002/2011 – 2010/0366(COD))

Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

Rapporteur: Luis Manuel Capoulas Santos

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b'tipa ***grassa u korsiva***. Test *korsiv normal* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f' verżjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inhum minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b'tipa ***grassa***. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...].

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
NOTA SPJEGATTIVA	14

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 485/2008 dwar l-iskrutinju mill-Istati Membri fuq transazzjonijiet li jiffurmaw parti mis-sistema ta' finanzjament tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija
(COM(2010)0761 – C7-0002/2011 – 2010/0366(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2010)0761),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 42 u 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0002/2011),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta' [...] ¹,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A7-0000/2011),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament – att li jemenda
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex tissupplimenta jew temenda ċerti elementi mhux essenzjali tar-Regolament (KE) Nru 485/2008. L-

Emenda

(3) Bil-għan li jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tar-reġim stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 485/2008, is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni

¹ Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

elementi li għalihom tista' tkun eżerċitata dik is-setgħa għandhom ikunu definiti, flimkien mal-kundizzjonijiet li għalihom għandha tkun suġġetta dik id-delega.

Ewropea għandu jiġi ddelegat lill-Kummissjoni fir-rigward tal-issupplimentar u l-emendar ta' ċerti elementi mhux essenzjali ta' dak ir-Regolament. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa waqt ix-xogħol ta' thejġija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. Il-Kummissjoni, meta tkun qed thejġi u tfassal l-atti delegati, għandha tiżgura trasmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Adattament tat-test legali skont il-Qbil Komuni dwar arranġamenti prattiċi għall-użu tal-atti delegati (Artikolu 290 TFUE).

Emenda 2

Proposta għal regolament – att li jemenda Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Sabiex **tiggarantixxi applikazzjoni uniformi** tar-Regolament Nru 485/2008 **fl-Istati Membri kollha, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 291 tat-Trattat. B'mod partikolari l-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta regoli uniformi dwar l-iskambju ta' informazzjoni.** Il-Kummissjoni għandha tadotta dawk l-atti ta' implimentazzjoni bl-għajnuna tal-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli stabbilit permezz tal-Artikolu 41d(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-Politika Agrikola Komuni f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar

Emenda

(4) Sabiex **jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni** tar-Regolament (KE) Nru 485/2008, **is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom jiġu kkonferiti lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat, ħliet fejn ikun espliċitament previst mod ieħor, għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjon¹.**

...[għandu jitlesta wara l-adozzjoni tar-regolament dwar il-mekkaniżmi tal-kontroll, kif jissema fl-Artikolu 291(3) tat-TFUE, li fil-preżent huwa s-suġġett ta' diskussjoni bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill].

¹ *ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1.*

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont il-mudelli għad-dispożizzjonijiet dwar l-atti ta' implimentazzjoni suġġetti għall-kontroll mill-Istati Membri; skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjon.

Emenda 3

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 1

Regolament (KE) Nru 485/2008

Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Fl-Artikolu 1(2), it-tieni sentenza tinbidel b'dan li ġej:

Sabiex jiġu esklużi mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, dawk il-miżuri li min-natura tagħhom mhumiex adattati għall-kontroll ex-post permezz ta' skrutinju ta' dokumenti kummerċjali, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati f'konformità mal-kundizzjonijiet imsemmija fl-

Emenda

L-Artikolu 1(2) jinbidel b'dan li ġej:

2. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għall-miżuri koperti mis-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll li taqa' taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad- 19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa¹.

Sabiex jiġu esklużi mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, dawk il-miżuri li min-natura tagħhom mhumiex adattati għall-kontroll ex-post permezz ta' skrutinju ta' dokumenti kummerċjali, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati f'konformità mal-kundizzjonijiet imsemmija fl-

Artikoli 13a, 13b u 13c ta' dan ir-Regolament, tistabbilixxi lista ta' miżuri oħrajn li għalihom dan ir-Regolament ma japplikax.

Artikoli 13a, 13b u 13c ta' dan ir-Regolament, tistabbilixxi lista ta' miżuri oħrajn li għalihom dan ir-Regolament ma japplikax.

¹ *ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16.*

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minn dak inhar 'l hawn ir-Regolament 73/2009 irrevoka r-Regolament 1782/2003.

Emenda 4

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 4

Regolament (KE) Nru 485/2008

Artikolu 13 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Is-setgħat li tadotta l-atti delegati msemmija f'dan ir-Regolament għandhom jingħataw lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indefinit.

Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah fl-istess waqt lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Emenda

1. Is-setgħa tal-adozzjoni tal-atti delegati tiġi kkonferita lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 1(2) għandha tiġi kkonferita lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn ...*. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tas-setgħa delegata sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi ta' tul identiku, kemm-il darba l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ma jopponux tali estensjoni sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel tmiem kull perjodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 1(2) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe waqt mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak li fih tiġi ppubblikata d-deċiżjoni fil-

Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati diġà fis-seħħ.

4. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah fl-istess waqt lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont dan l-Artikolu għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament u l-anqas mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma għarrfu lill-Kummissjoni li huma m'humiex se jgġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'żewġ xhur fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

**ĠU Jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament*

Or. en

Ġustifikazzjoni

Adattament tal-ifformular tal-kliem skont il-Qbil Komuni dwar arranġamenti prattiċi għall-użu tal-atti delegati (Artikolu 290 TFUE).

Emenda 5

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 4

Regolament (KE) Nru 485/2008

Artikolu 13 b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 13a tista' tiġi rrevokata mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

imħassar

L-istituzzjoni li tkun bdiet proċedura interna għal deċiżjoni dwar jekk għandhiex tiġi rrevokata d-delega ta'

setgħa, għandha tagħmel li tista' biex tinforma lill-istituzzjoni l-oħra u lill-Kummissjoni fi żmien raġonevoli qabel ma tittieħed id-deċiżjoni finali, billi tindika s-setgħat delegati li jistgħu jkunu soġġetti għal revoka u r-raġunijiet possibbli għal revoka.

Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delegazzjoni tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ immedjatement jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati diġà fis-seħħ. Għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Adattament tal-ifformular tal-kliem skont il-Qbil Komuni dwar arranġamenti prattiċi għall-użu tal-atti delegati (Artikolu 290 TFUE).

Emenda 6

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 4

Regolament (KE) Nru 485/2008

Artikolu 13 c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għall-att delegat f'perjodu ta' żmien ta' xahrejn mid-data tan-notifika. Fuq inizzjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill dan il-perjodu għandu jkun estiż b'xahar.

imħassar

Jekk, mal-iskadenza ta' dak il-perjodu, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu sabu oġġezzjoni għall-att delegat, dan għandu jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u għandu jidħol fis-seħħ fid-data ddikjarata

fih.

L-att delegat jista' jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u jidħol fis-seħħ qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu jekk il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma infurmaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li ma jqajmux oġġezzjonijiet.

Jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal att delegat, dan ma jidħolx fis-seħħ. L-istituzzjoni li ssib oġġezzjoni għandha tiddikjara r-raġunijiet għall-oġġezzjoni għall-att delegat.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Adattament tal-iffomular tal-kliem skont il-Qbil Komuni dwar arranġamenti prattiċi għall-użu tal-atti delegati (Artikolu 290 TFUE).

Emenda 7

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 4

Regolament (KE) Nru 485/2008

Artikolu 13 d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni, għandha, ***fejn meħtieġ***, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni ***f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 42d(2) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, tadotta d-dispożizzjonijiet li jimmiraw għal kisba ta' applikazzjoni uniformi ta' dan ir-Regolament fl-Unjoni, b'mod partikolari f'rabta*** ma' dan li ġej:

- (a) il-koordinazzjoni tal-azzjonijiet konġunti msemmija fl-Artikolu 7(1);
- (b) dettalji u speċifikazzjonijiet fir-rigward tal-kontenut, il-forma u l-mod tat-tressiq tat-talbiet, il-kontenut, il-forma u l-mod tan-notifika u t-tressiq *u l-iskambju tal-*

Emenda

Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, ***tadotta d-dispożizzjonijiet speċifiċi li huma marbuta*** ma' dan li ġej

- (a) il-koordinazzjoni tal-azzjonijiet konġunti msemmija fl-Artikolu 7(1);
- (b) dettalji u speċifikazzjonijiet fir-rigward tal-kontenut, il-forma u l-mod tat-tressiq tat-talbiet, il-kontenut, il-forma u l-mod tan-notifika u t-tressiq *bi skambju tal-*

informazzjoni meħtieġa fil-qafas ta' dan ir-Regolament;

(c) il-kundizzjonijiet u l-mezzi ta' pubblikazzjoni jew ir-regoli speċifiċi u l-kundizzjonijiet *għat-tqassim jew id-disponibbiltà* mill-Kummissjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-informazzjoni meħtieġa fil-qafas ta' dan ir-Regolament.

informazzjoni meħtieġa fil-qafas ta' dan ir-Regolament;

(c) il-kundizzjonijiet u l-mezzi ta' pubblikazzjoni jew ir-regoli speċifiċi u l-kundizzjonijiet *għad-diffużjoni tad-disponibbiltà* mill-Kummissjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-informazzjoni meħtieġa fil-qafas ta' dan ir-Regolament.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmi fl-Artikolu 13e(3).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont il-mudelli għad-dispożizzjonijiet dwar l-atti ta' implimentazzjoni suġġetti għall-kontroll mill-Istati Membri, skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjon.

Emenda 8

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 4

Regolament (KE) Nru 485/2008

Artikolu 13 e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 13e

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi mgħejuna mill-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 1290/2005.

2. Dak il-kumitat huwa kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5

tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont il-mudelli għad-dispożizzjonijiet dwar l-atti ta' implimentazzjoni suġġetti għall-kontroll mill-Istati Membri, skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjon.

NOTA SPJEGATTIVA

It-Trattat ta' Lisbona jabolixxi s-sistema l-qadima tal-komitoloġija, li kienet ibbażata fuq il-proċeduri klassiċi tal-komitoloġija (konsultattiva, ġestjonarja, regolatorja) u l-proċedura regolatorja bi skrutinju. Is-sistema issa ġiet sostitwita bi struttura fuq żewġ livelli, li tikkonsisti f'atti delegati u atti implimentati (tal-ewwel jinkludu d-dritt tal-veto li għandu l-Parlament), li jħallu lill-Kummissjoni tkun tista' teżerċita poteri fl-implimentazzjoni u l-eżekuzzjoni. B'hekk, il-korp eżistenti ta' leġiżlazzjoni jrid jiġi allinjat ma' din ir-realtà legali ġdida.

Waħda mill-ewwel proposti hija l-allinjament tal-proposta preżenti għal regolament li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 485/2008 dwar l-iskrutinju mill-Istati Membri fuq transazzjonijiet li jiffurmaw parti mis-sistema ta' finanzjament tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija.

Il-proposta hija limitata għal modifiki għall-fini ta' allinjament biss.

Allinjament mad-dispożizzjonijiet tat-TFUE dwar is-setgħat ta' implimentazzjoni

Wara t-Trattat ta' Lisbona, is-setgħat mogħtija skont ir-Regolament (KE) Nru 485/2009 lill-Kummissjoni jeħtieġ li jiġu allinjati mal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jiddistingwu żewġ tipi differenti ta' atti tal-Kummissjoni:

– L-Artikolu 290 jippermetti lil-leġiżlatur jiddelega lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti mhux leġiżlattivi ta' applikazzjoni ġenerali sabiex tissupplimenta jew temenda ċerti elementi mhux essenzjali ta' att leġiżlattiv. L-atti legali adottati mill-Kummissjoni b'dan il-mod huma msemmija fit-terminoloġija użata mit-Trattat bħala "atti delegati" (l-Artikolu 290(3));

– L-Artikolu 291 tat-TFUE jippermetti lill-Istati Membri jadottaw il-miżuri kollha tal-liġi nazzjonali meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' atti tal-Unjoni legalment vinkolanti. Dawk l-atti jistgħu jagħtu setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni fejn huma meħtieġa kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tagħhom. L-atti legali adottati mill-Kummissjoni b'dan il-mod jissejġu fit-terminoloġija użata mit-Trattat bħala "atti ta' implimentazzjoni" (l-Artikolu 291(4)).

Proposti tar-rapporteur dwar l-allinjament

Ir-rapporteur jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni. Fuq il-bażi tal-kriterji definiti għal kull tip ta' att, ir-rapporteur tagħkom skrutinizza bir-reqqa l-proposta tal-Kummissjoni u identifika oqsma fejn il-kundizzjonijiet għall-atti delegati ġew issodisfati. Konsegwentement, il-proposta ġiet skrutinizzata fuq il-kundizzjonijiet tal-atti ta' implimentazzjoni. Ma ġew osservati inkonsistenzi. L-użu tad-dispożizzjonijiet tal-atti delegati u tal-atti ta' implimentazzjoni f'dawn l-artikoli huwa wieħed xieraq.

Barra minn hekk, ir-rapporteur jipproponi verżjoni aġġornata tat-test legali, inkluż l-ifformular tal-kliem li sar qbil dwaru mill-Parlament u mill-Kunsill, kif ukoll fir-rigward ta'

kundizzjonijiet oħra tad-delega (perjodu ta' delega, limiti tal-perjodu biex issir oġġezzjoni għal att legali, estensjoni ta' dak il-perjodu, proċedura tal-kumitat, eċċ.) wara l-konklużjoni riċenti ta' Qbil Komuni dwar arranġamenti prattiċi għall-użu tal-atti delegati (Artikolu 290 TFUE), kif ukoll il-konklużjoni tal-proċedura dwar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjon,

Il-proposta temenda r-Regolament 485/2008 billi żżid dispożizzjoni waħda tal-atti delegati (Artikolu 1(2) - tistabbilixxi lista ta' miżuri oħrajn li għalihom dan ir-Regolament ma japplikax) L-ewwel sentenza tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament 485/2008 fih referenza għar-Regolament 1782/2003¹ li ma għadux fis-seħħ u ġie sostitwit bir-Regolament 73/2009², din id-dispożizzjoni ma ġietx modifikata mill-proposta, hija meħtieġa emenda f'dan ir-rigward.

L-Artikolu 13d jerġa' jiġbor fi gruppi ġodda d-dispożizzjonijiet kollha tal-atti ta' implimentazzjoni. L-Artikolu 13d jirreferi għal proċedura tal-atti ta' implimentazzjoni fl-“Artikolu 42d(2) tar-Regolament 1920/2005” (i.e. il-proċedura ta' eżami). Dan l-artikolu ġie inserit fir-Regolament 1290/2005³ mill-proposta COD 2010/0365 li bħalissa għada ma ġietx adottata. Jekk il-proposta preżenti tiġi adottata qabel il-COD 2010/0365 tista' toħloq problemi fir-rigward tar-referenza l-korretta għall-proċedura applikabbli. Għalhekk il-proċedura tissemma wkoll direttament fit-test.

Partijiet mill-ifformular tal-kliem tal-artikoli relatati mad-delega (Artikolu 13a-13c) la jikkorrispondu mal-ifformular standard għal dawn l-artikoli li sar qbil dwaru fl-abbozz tal-Qbil Komuni, u l-anqas mal-ifformular li sar qbil dwaru mill-istituzzjonijiet fir-Regolament 438/2010 u għalhekk dawn jeħtieġu li jiġu emendati⁴.

¹ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi r-regoli komuni għall-iskemi ta' appoġġ dirett fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KEE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001, ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1–69.

² Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad- 19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003, ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16–99.

³ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-Politika Agrikola Komuni, ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1-25.

⁴ Regolament (UE) Nru 438/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad- 19 ta' Mejju 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 998/2003 dwar il-ħtiġiet rigward is-saħħa tal-annimali li japplikaw għall-moviment mhux kummerċjali *tal-pets*, ĠU L 132, 29.5.2010, p. 3–10.